MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 1204/2000/1

**Lloyds (Malta) Ltd. fil-kwalita' taghha ta' rapprezentanti ex lege u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta' Lloyds illi flimkien jiffurmaw id-ditti assikuratrici ossija sindakati ta' Lloyds illi jgibu n-numru 1228 u li joperaw taht l-isem Octavian at Lloyds u Fogg Insurance Agencies Limited bhala rapprezentanti lokali tal-istess ditta ossija sindakati liema sindakati qeghdin jagixxu u b'digriet tat-12 ta' Gunju 2001 ghandu jizdied "kif jinsabu surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurat taghhom David Marmara, Brittania House, Old Bakery Street, Valletta"**

**vs**

**Aaronne Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fis-6 ta' Settembru 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-

konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta' Lm307.17 ammont minnhom sburzat sabiex tissewwa l-vettura numru ta' registrazzjoni CAG 562, liema vettura kienet involuta f'incident stradali li sehh fl-10 ta' Marzu,1999 gewwa l-Hamrun meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni EAX 356 u liema ncident gara unikament tort tal-konvenut minnhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti tat-traffiku prevja, jekk hemm bzonn, dikjarazzjoni illi ghall-incident fuq imsemmi kien jahti unikament il-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Novembru,1999 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghax legali mit-18 ta' Novembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjent qatt ma kien involut fl-incident stradali allegat mill-istess socjeta' u ghalhekk ma hu responsabbli ghal ebda danni.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li l-konvenut ipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ohra oltre dik fuq imsemmija fejn eccepixxa illi:

Preliminarjament illi l-konvenut ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi u dan kif ser jigi spjegat tul is-smiegh tal-kawza;

Fit-tieni lok u bla pregudizzju l-atturi ma ghandhom l-ebda interess fit-talba taghhom u dan kif ser jigi ppruvat tul is-smiegh tal-kawza;

Fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-suespost li l-konvenut ma huwa bl-ebda mod responsabbli ghall-fatti premessi fl-avviz promotorju billi fid-data in kwistjoni la hu u lanqas il-vettura in kwistjoni, proprjeta' tieghu, ma kienu nvoluti f'xi

ncident awtomobilistiku; dan kif ser jigi ppruvat tul is-smiegh tal-kawza;

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fl-10 ta’ Marzu, 1999 ghal habta tas-saghtejn ta’ wara nofs-in-nhar (2:00p.m.) bejn il-karozza CAG 562 tal-marka Hyundai misjuqa minn Andrew Marmara u l-karozza EAX 356 tal-ghamla Volkswagen Golf misjuqa mill-konvenut. Qed jigi allegat illi wara l-incident il-konvenut baqa sejjer, ma qaghadx jistenna lill-pulizija u meta gie nfaccat mill-istess pulizija wara l-incident, il-konvenut innega li kellu dan l-incident ma’ Andrew Marmara.
Ikkunsidrat:

PS 1283 Carmelo Costa xehed li Andrew Marmara gie jaghmillu rapport fl-10 ta’ Marzu,1999. Skond dan ir-rapport Andrew Marmara kien ipparkjat quddiem l-ispizerija ta’ missieru, meta xi hadd dahal fih u baqa sejjer. Is-sewwieq ghamel hafna storbju u beda jidghi. Qal illi ried imur jipparkja n-nahha l-ohra tat-triq, izda mbaghad minflok baqa’ sejjer. Marmara li ghamel ir-rapport gharaf lill-konvenut Aaronne Azzopardi bhala s-sewwieq illi dahal fih u li ghamel dak l-istorbju kollu. Kien qed isuq il-vettura EAX 356 u gharaf din il-vettura meta ngiebet l-ghassa. Hawn ukoll Azzopardi beda jitkellem hazin u jidghi quddiem is-Surgent, tant li dana dehrlu li kellu jnizzilha fir-rapport u jressqu quddiem il-Qorti sabiex iwiegeb ghal xi kontravenzjonijiet. Il-karozza li gie biha l-konvenut kellha hafna daqqiet fuq quddiem u ghalhekk is-surgent ma setghax jistabbilixxi liema daqqa kienet kompatibbli ma’ dik li sofra Marmara. Dan ta’ l-ahhar gharaf kemm il-

karozza nvoluta fl-incident u kemm lis-sewwieq, il-konvenut Aaronne Azzopardi.

Andrew Marmara xehed a fol 41 fejn qal illi kienet Volkswagen Golf blue skura illi dahlet fih. Gharaf lill-konvenut kemm l-ghassa, kif ukoll il-Qorti. Jiftakar il-konvenut jirrabja, jghid li kien sejjer jipparkja n-nahha l-ohra tat-triq, u minflok baqa' sejjer. Missieru ha n-numru, mar l-ghassa, saret l-identifikazzjoni tal-vettura, gie l-konvenut b'hafna rabja u nervi mal-pulizija go l-istess ghassa. Andrew Marmara gharaf kemm il-konvenut kif ukoll il-karozza illi ngabet minnu. Kkonferma illi kien fiha hafna daqqiet fuq quddiem.

Missier Andrew Marmara, David, gharaf il-konvenut. Wara l-incident qallu li sejjer jipparkja izda minflok baqa sejjer, hadlu n-numru u mbaghad it-tifel tieghu Andrew mar l-ghassa u ghamel ir-rapport.

Il-konvenut minnahha l-ohra nnega dan kollu, ghad illi jammetti illi meta kien l-ghassa beda jirrabja u jidghi mal-pulizija. Qal illi huwa kien qieghed go hanut maghruf bhala *Michael's Bar*, il-Marsa dak il-hin ta' l-incident u fl-ebda hin ma ghadda mit-triq fejn hemm *Johnson's Pharmacy,* ghad illi jaf fejn qieghdha din l-ispizerija ghax ommu gieli tmur tixtri minn hemmhekk. Apparti din in-negazzjoni tal-konvenut, gab il-proprjetarju tal-bar biex jixhed, fejn dan ta' l-ahhar qal illi f'xi hin il-konvenut kien qieghed il-hanut tieghu u giet ommu biex tghidlu li rieduh l-ghassa. Peress illi dina kienet l-ewwel darba illi omm il-konvenut giet ghalih personalment, dan ix-xhud baqa' jiftakarha, izda ma setax jaghti ezatt il-hinijiet meta l-konvenut kien qieghed ghandu.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali kif ukoll il-komportament tal-konvenut fuq il-pedana tax-xhud, il-Qorti jidhrilha li ghandha taghti affedament komplet lil versjoni moghtija minn Andrew Marmara u David Marmara. Il-konvenut jidher illi huwa bniedem ta' karattru pjuttost goff u facilment jizvoga f'rabji u dagha meta jirrealizza li jkun

qieghed minn taht. Dana jaghmlu biex juza pressjoni psikologika fuq dak li jkun halli jissottomettieh b'dan ir-rabja u dagha. Fortunatament kemm Andrew Marmara u David Marmara ma gewx affetwati minn din l-attitudini tal-konvenut u ghamlu r-rapport taghhom bl-identifikazzjoni kompleta kemm tal-karozza u kif ukoll tal-konvenut.

Fuq il-pedana tax-xhud il-Qorti bdiet tosserva illi f'hin minnhom il-konvenut beda jgholli lehnu u anke jipprova jiggustifika r-rabja u d-dagha semplicement ghar-raguni li l-pulizija baghtu ghalih. Meta Andrew Marmara mar l-ghassa ha mieghu n-numru tal-karozza, kif ukoll l-ghamla u kulur u dawna qablu perfettament mar-records illi kellhom il-pulizija ta' din il-karozza. Di piu' meta l-konvenut mar l-ghassa bil-karozza, dana gie maghruf kemm minn Andrew Marmara u kemm minn David Marmara. It-tnejn osservaw ukoll illi l-karozza li mar biha kien fiha xi daqqiet fuq quddiem u ghalhekk ma kienx possibbli li tigi identifikata d-daqqa illi ta lil karozza misjuqa minn Andrew Marmara. Din l-ahhar karozza ma sofrietx hsarat kbar u ghalhekk forsi ma kienx possibbli tali identifikazzjoni, peress illi l-bumper kien wiehed tal-plastic, iz-zebgha malajr taqa' u ghalhekk ma thalli l-ebda marka fuq il-karozza l-ohra li tkun dahlet fiha.

F'din il-kawza xehed ukoll Anthony Savona ghan-nom tal-kumpanija assikurattrici fejn esebixxa d-dokumenti kollha tal-kaz biex jiggustifika l-ammont ta' tlett mija u seba' liri u sbatax-il centezmu (Lm307.17c) mitlub f'dan l-avviz. Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala m'ghandhiex toqghod fuq dawn id-dokumenti illi gew esebiti. Ghalhekk filwaqt illi l-Qorti tiddikjara li m'ghandha l-ebda dubbju li kien il-konvenut li kkawza d-danni subiti minn Marmara, f'dan l-istadju ser tghaddi biex tikkonsidra l-mekkanika ta' dan l-incident.

Andrew Marmara xehed illi kien wieqaf ghal ftit sekondi quddiem l-ispizerija ta' missieru biex inewwillu xi dokumenti. Kien proprju f'dak il-mument li kien wieqaf, li hass daqqa fuq wara. Spjega li huwa kien ipparkjat mal-bankina quddiem il-hanut u ma kienx ser idum aktar minn ftit sekondi sakemm inewlulu xi karti ta' l-ispizerija. Il-Qorti

ma tara xejn hazin b'dan il-mod ta' sewqan ta' Marmara. Kien ipparkjat f'post regolari, ma kienx ta' ostakolu ghal hadd u kieku l-konvenut kien mohhu fit-triq u qed izomm *a proper look out* ma kien hemm l-ebda raguni l-ghala ma jarax il-karozza ta' Andrew Marmara.

Kif jidher mir-ritratti esebiti l-karozza sofriet hsarat fuq in-nahha ta' wara fejn il-konvenut b'certa traskuragni baqa' diehel fiha. Il-Qorti ssib ghalhekk li ghal dan l-incident ghandu jahti unikament u esklussivament il-konvenut peress illi ma kienx qed izomm *a proper look out*, baqa' diehel fuq il-karozza misjuqa minn Andrew Marmara u kkawza d-danni reklamati dan fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba ta' l-atturi u tiddikkjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi sehh fl-10 ta' Marzu,1999 gewwa l-Hamrun  bejn il-karozza CAG 562 misjuqa minn Andrew Marmara u l-karozza EAX 356 misjuqa mill-konvenut, u dana minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' tlett mija u seba' liri u sbatax-il centezmu (Lm307.17c) u tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz, kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------